

Brussell, 9 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7119/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0266 (COD)**

**TRANS 129
CLIMA 116
CODEC 402**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport (CountEmissions EU)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 121 final.

Mehmuż: COM(2026) 121 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.3.2026
COM(2026) 121 final

2023/0266 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

**il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-
trasport (CountEmissions EU)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea****li tikkonċerna****il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport (CountEmissions EU)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. SFOND

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2023) 441 final – 2023/0266 COD):	il-11 ta' Lulju 2023.
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	il-25 ta' Ottubru 2023.
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	l-10 ta' April 2024.
Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	mhux applikabbli
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	26 ta' Frar 2026.

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tistabbilixxi qafas komuni tal-UE biex jitqiesu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG, greenhouse gas) tas-servizzi tat-trasport fil-modi kollha tiegħu. L-objettiv tal-proposta huwa li jiġu żgurati l-uniformità, il-komparabbiltà u t-trasparenza tal-informazzjoni dwar l-emissjonijiet sabiex: (i) jiġu appoġġati għaż-żewġ aktar sostenibbli min-negozji u mill-konsumaturi; (ii) jittejjeb il-funzjonament tas-suq; u (iii) jsir kontribut għall-objettivi klimatiċi tal-UE filwaqt li tiġi żgurata l-proporzjonalità għan-negozji, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises).

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tippreserva l-arkitettura u l-objettivi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni filwaqt li tirrifletti l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew fil-5 ta' Novembru 2025. L-għan tal-pożizzjoni tal-Kunsill huwa li ttipprovi qafas legali bbilanċjat u implimentabbli li:

- iżomm l-istandard EN ISO 14083 bħala l-metodoloġija ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tas-servizzi tat-trasport, filwaqt li jipprevedi r-rieżami u l-kjarifika possibbli tiegħu jekk ikun meħtieġ;

- jevita l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' rapportar obbligatorji ġodda fuq in-negozji u ta' obbligi li dawn jużaw data primarja għall-kalkolu tal-emissjonijiet, filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw u jinċentivaw l-użu ta' tali data fit-territorji tagħhom;
- jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex toħloq fil-livell tal-UE bażijiet tad-data b'valuri prestabbiliti, filwaqt li tqis ir-regolamenti eżistenti rilevanti, u tistabbilixxi regoli għall-valutazzjoni tad-data minn bażijiet tad-data u għodod ta' kalkolu mħaddma minn partijiet terzi;
- jipprovi appoġġ prattiku għall-SMEs billi jirrikjedi li l-Kummissjoni tiżviluppa għodda ta' kalkolu tal-UE sempliċi u bla ħlas u manwal ta' akkumpanjament (l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-għodda jridu jiġu stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni);
- jistabbilixxi skedi ta' żmien ċari u raġonevoli għall-implimentazzjoni tal-bażijiet tad-data, l-iżvilupp tal-għodod u l-miżuri ta' assigurazzjoni tal-kwalità meħtieġa biex tiġi żgurata l-prontezza operazzjonali;
- jalloka setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni u atti delegati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE;
- jiddifferixxi kwalunkwe deċiżjoni possibbli dwar estensjonijiet metodoloġiċi skont klawżola ta' rieżami u jagħti lill-Kummissjoni l-kompitu li tivvaluta l-iżviluppi internazzjonali u l-fattibbiltà ta' tali estensjonijiet 4 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament;
- jipprevedi li kwalunkwe kwistjoni relatata mal-aċċessibbiltà tal-istandard EN ISO 14083 tiġi vvalutata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-Regolament.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tilqa' r-riżultat tan-negozjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.